# Ġarġir mal-Ħerża

Marjanu Vella

http://maltikurja.wordpress.com

Nibża' xħin nersaq nimla
Żir ilma minn ġol-bir,
Qalbi titmewwet f'sidri,
Kull ħsieb ta' sliem itir.

Il-ħerża qed titmermer
U l-fdal tal-ġebel iswed,
Tilef it-tond ta' surtu
Is-satal, lewn l-irmied.

Ixxaqqaq l-għatu mkittef
Miżbugħ bi ftit tiċliq:
U fiċ-ċaflis nistenna
Xi ħadd jikser xi sieq.

* * *

Għaġeb tal-għeġubijiet, dalgħodu kmieni
Xħin mort maġenb il-bir,
Nara madwar il-ħerża
Qed jikber il-ġarġir!



U kesa dawramejt il-ġebla mielħa
B'lewn aħdar il-ġarġir,
U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq
Titnikker fuq il-bir.



Issa l-ħerża ħadet bixra
Ta’ ma-nafx-hux-sħarijiet,
Naf li llum niżżilt is-satal
Tellajt ġmiel ta’ ilmijiet.

Ma nibżax xħin nersaq waħdi
ħdejn il-bir,
Jibqa’ l-ħsieb tas-sliem ġo moħħi
Bla ma jtir.



Jonqos biss li nagħmel għatu
Fuq it-tond ta’ ftuħ il-bir,
Biex inħalli s-satal fuqu
Meta nkun imlejt iż-żir.

Għada tinżel qliel ta’ xita
Naħżnu l-ferħ tal-ilmijiet
Bejn dirgħajn il-bir, fid-dalma
U fis-skiet.